~~ta' żewġ bibien, sittax il-ġirx. Il-bieb jinfetaħ fl-4 ta' fil-ġhodu u jingħalaq fil-11.30. Jerġa' jinfetaħ fin-nofs siegħa u jingħalaq ma' ġhibien ix-xemx. Imbagħad iż-żewġ Misilmin jieħdu l-muftieħ magħhom u jmorru d-dar.~~

~~Fis-Sibtijiet kollha tar-Ramdan, il-Bażilika jiftħuha wkoll f'xi l-11 ta' bil-lejl, meta r-Rħieb Franġiskani mid-Dejr ta' San Salvatur jinżlu l-Qabar ta' Kristu biex ikantaw l-Uffizzju hemm u jagħmlu purċissjoni ma' dwar il-Qabar Imqaddes, f'nofs il-lejl.~~

~~Iċ-"ċerimonja" tal-ftuħ tal-bieb hi din: wieħed mir-Rħieb li ikunu jridu jiftħu, iħabbat fuq twejqa baxxa li hemm fil-bieb innifsu. Jiġi s-sagristan Grieg li ġhandu muftieħ il-bwejba u jiftaħha. Jgħajjat lill-bewwieba Misilmin u jeħorġilhom mit-twejqa s-sellum meħtieġ (ġhax il-qofol jinsab fil-ġholi). Imbagħad min jiftaħ, jiġbed ħabel u jindaqqu ħafna ġnieġel li jkunu marbuta miegħu. Ir-Rħieb l-oħrajn jagħmlu hekk ukoll: idoqqu l-ġnieġel tagħhom. Wara dan il-Misilmin, minn barra, jiftħu l-bieb.~~

~~Meta l-bieb ikun miftuħ, dejjem ikun hemm xi ħadd mill-Misilmin ġhassa tiegħu. Fix-xellug, wara l-bieb fil-Bażilika hemm rokna miksija bl-ġhewied u mifruxa bit-twapet, li l-Misilmin joqoġhdu fiha. Fix-xitwa r-Rħieb iġibulhom ukoll kenun bin-nar biex jissaħħnu bih.~~

BEN JEHUŻA.

~~*Taġhrifa. — Fil-faċċata ta' barra hemm miktub li l-muftieħ taħ lil Misilmin Sâleħ id-Din. Dan qalu x-Xiħ Ħalil (missier dak li jidher fir-ritratt) lil min kiteb dil-kitba, meta kien Ġerusalem.*~~

IR-RE HUSEJN I TAL-ĠORDANJA

Ftit żmien ilu fil-gazzetti ma konniex ġhajr naqraw aħbarijiet fuq l-art tal-Ġordanja u fuq ir-Re tagħha, iżżaġhżugħ Husejn I iben Talâl, li ġhiejed iżomm jiebes biex f'pajjiżu ma jidħolx il-Komuniżmu. Billi fejn jinsabu l-aqwa fost l-Imkejjen Imqaddsa, bħal Ġerusalem u Betlehem il-lum jagħmlu mal-Ġordanja, u hekk Husejn jaħkem ukoll fuq dawn l-ibliet, sa ngħidu xi ħaġa fuqu, biex il-qarrejja tagħna jsiru jafuh.

Husejn I ġhadu żġhir, ġhax ġhadu kemm ġhalaq it-22 sena. Meta kien tfal, tgħallem fil-Kulleġġ tal-Misilmin ta' Ġhammân, il-belt il-kbira tal-Ġordanja, u mbagħad f'kulleġġ ieħor fl-Eġittu. Wara, mar ġhamel sena tagħlim f'Harrow u sitt xhur f'Sandhurst, fl-Ingilterra. Aktarx ftit wisq ġhal wieħed li wara laħaq Re.

* * *

Il-Ġordanja ġhamluha nazjon l-Ingliżi, fis-sena 1921, jiġifieri ftit wara l-gwerra l-oħra. Dak iż-żmien kien fiha nies 200,000 biss (jiġifieri, anqas ħafna minn Malta, ġhax Malta dak iż-żmien kien fiha nies 216,614; ġhad li l-kobor tagħha hu 37,110 mil imrabba' u ta' Malta 95).

L-ewwel Re tagħha kien Ġhabd-Allaħ, li fil-bidu kienu jgħidulu Emir, imbagħad wara laħaq Re. Ġhabd-Alaħ kellu żewġ subjien, imma donnha li qalbu kienet taħbru li waraħ ma kellux jilħaq Re wieħed minnhom. Ġhal hekk kull fejn imur kien jieħu miegħu u jħarreġ lil iben ibnu l-kbir, it-tifel Husejn, mhux lil wieħed minn uliedu. Fis-sajf tas-sena 1951, ir-Re Ġhabd-Allaħ mar Ġerusalem u ħa miegħu lil Husejn, bħal ma dari, li kien

ġhad kellu 15-il sena. Billi ħaġna mill-Misilmin tal-Palestina kienu jobogħduh lil Ġhabd-Allah ġhax kien ħadilhom pajjiżhom u ġhaqqdu mal-Ġordanja, kif kien diehel il-Knisja Misilma, li jġhidulha tal-Ġhaksa, ġibdu fuqu u qatluh. Ġhal ftit ma qatlux ukoll littifel Husejn li kien ma' ġenbu, ġhax balla tar-revolver ġhaddiet minn ma' sidru u medalja li kellu mdendla, tajjrithielu.

Wara li miet Ġhabd-Allah laħaq Re tal-Ġordanja ibnu Talâl, imma ma damx wisq, ġhax f'Awissu tas-sena ta' wara l-Parlament ġieġhlu jitlaq, ġhax ma kellux moħħu sewwa. Ġhamlu Re lil Husejn, li ma satax jaħkem minn dak iż-żmien ġhax kien ġhadu ma ġhalaqx it-18-il sena. Husejn tala' fit-tron fit-12 ta' Mejju 1953 u f'Ġhammân u fil-Ġordanja kollha sar ferħ kbir. Fi Frar tas-sena 1955 xterdet l-aħbar li r-Re tġharras ma' qaribtu, l-Emira Dina Ġhabd-ul-Hamid, li kienet seba' snin akbar minnu, u kienet toqġhod ma' missierha fl-Eġittu. Dina ġhaddiet erba' snin fl-Ingilterra, titġhallem fil-Kulleġġ ta' Cambridge, u mbaġhad f'Londra. It-tieġ sar fid-19 ta' April ta' dik is-sena, fil-palazz tar-Reġina Żain, omm Husejn. Fit-13 ta' Frar tas-sena ta' wara, 1956, ir-Reġina Dina kellha tarbija, tifla, li semmewha Ġhalja; f'Settembru li ġhadda r-Reġina telqet lir-Re u reġġhet marret ġhand missierha fl-Eġittu. It-tarbija qieġhda Bejrut, tieħu ħsiebha *nanny* Ingliża, Miss Norah Smith.

Il-Ġordanja hi art fqira ġhax millmedda taġhha ma fihiex ġhajr ħamsa fil-mija li jista' jinżara'. Ġhal ħekk l-Ingliżi sa mis-sena 1921 kienu qabdu jaġhtu 12,500,000 lira fis-sena lill-Gvern taġhha, biex jġhinuha. Bħala suldati tal-pajjiż kellha lil Ġiex Ġharbi (Arab Legion) maġhmul mill-Ġharab Bedu, li sa mis-sena 1939 kienu mħarrġa mill-Ġeneral Ingliż Sir John Glubb.

Fil-Gwerra bejn il-Ġharab u l-Lhud tas-sena 1948, ġhadd kbir ta' nies ħarbu mill-Palestina u daħlu fil-Ġordanja u ġhadhom hemm sal-lum. Dawn huma nies bla dar, jġhixu taħt ġharaj-



IR-RE ĦUSEJN I, TAL-ĠORDANJA

jex tal-ġhuwwied, u jġhaddu b'erba' grux (ġhaxar soldi) kull jum li taġhtihom l-U.N.O. Bejn li daħlu u li laħqu twieldu, issa fil-Ġordanja, nies bla dar hemm ma' dwar nofs miljun. Jiġifieri, darbtejn daqs in-nies tal-Ġordanja.

Husejn, ġhall-ewwel li laħaq Re, ftit li xejn ktillu taħbit. Ġhal ħekk billi kien ġhadu moħħ it-tfal, kien jġhaddi ż-żmien jiġri bil-karozza *Mercedes*, jew itir fuq Ġhammân fl-ajruplan *Vampire* li ġhandu. L-ewwel ġhawġ inqala' meta l-Ġordanja kienet sa tidħol fil-ftehim ta' Bagdâd. Fil-

ftehim ma daħlitx, u kollox ġħadda ħarir. Xaħrejn wara r-Re ġħamel, aktarx, l-ewwel żball, ġħax battal lill-Ingliż Sir John Glubb u daħħal bdielu lil Ġħarbi Ġħali Abu Nuwwâr, li kien ilu s-snin jaħwi minn taħt biex iwaqqa' lil Glubb. Ir-Re, billi battal lil Glubb, tagħa l-wesgħa lil Kommunisti f'pajjiżu. Imbagħad inqala' i-ġħawġ l-ieħor tas-Swejz u r-Re Husejn ġħamel it-tieni, aktarx, żball tieġħu, billi ħassar il-ftehim li kellu ma' l-Ingliżi u ħekk tilef il-ġħajnuna li kellu tat-12,500,000 lira fis-sena. Il-Ġnus Ġħarab, Surija, Eġittu u Ġħarâbja Sgħudija, weġħdu lir-Re li l-flus jaġħtuhomlu ħuma, imma l-Ġħarâbja biss temmet il-weġħda taġħha u taġħtu 5,000,000. L-oħrajn baqgħu bil-kliem biss.

Abu Nuwwâr beda jaħdem minn taħt biex ineħħi lir-Re u jġħaqqad lil Ġordanja mas-Surija. F'April li ġħadda (1957) Dr. Halidi, Rajjes il-Ważara (Prim Ministru) fuq ħekk kellu jitlaq u f'Ġħammân qam ħafna tixwix. Ir-Re biex jaġħti tweġiba lil Abu Nuwwâr, qajjem tixwixa fost is-suldati Bedu li kien hemm fiż-Żerqa ġħas-suldati Palestini. Imbagħad mar hu u ħa mieġħu lil Abu Nuwwâr u tala' bil-wieqfa fuq il-karozza u qalilhom: "Ħawn jien, jekk ġħamilt xi ħaġa ta' ħsara lill-poplu Ġħarbi, isparaw fuqi u oqtluni". Is-suldati weġbuh illi ħuma ma kellhomx xi jġħidu fih, imma li ma jridux fuqhom lil Abu Nuwwâr. U riedu jaqbdu lil dan u li ma kienx ir-Re, kienu jaqtluh dak il-ħin.

Ir-Re neħħa lil Abu Nuwwâr minn Rajjes il-Ġiex Ġħarbi u ġħamel bdielu lill-Ġeneral Hjâri. Hjâri l-ewwel ma ġħamel qabad lil xi fizzjali li deherlu li kienu ħtija tat-tixwixa taż-Żerqa. Ir-Re ħelishom malajr u l-Ġeneral Hjâri ħarab lejn is-Surija.

* * *

Bħal issa l-qawwa tal-Ġordanja hija mqassma ħekk: suldati Bedu; suldati mħallta, Ġħarab tal-ibliet u Ċirkassi; u suldati tal-Palestina. Tal-ewwel iħobbu lir-Re daqs dawl ġħajnejhom, u ta' min jafda fuqhom. Tat-tieni ma tistax torbot fuqhom, ġħax jaġħmlu dejjem kif jaqblilhom. Tat-tielet, ta' min jibża' minnhom, ġħax lir-Re tal-Ġordanja ma jaħmluhx.

Ir-Re Hussejn, s'issa wera li hu bniedem qalbieni. Imma bħala Re mal-qlubija trid ukoll ġħerf u ġħaqal. Meta ftit ilu qaġħad ġħalli riedu minnu l-Eġittu u s-Surija, ma donnux li wera ġħaqal kbir. Il-Ġordanja ma tistax tġħix minġħajr il-flus tal-barranin. Fl-Eġittu u s-Surija ma ġħandux ġħax jittâma. Ir-Re Fejsal II tal-Ġħirâq, qaribu, iħobbu minn qalbu. Il-Ġħarâbja Sgħudija ġħenitu bil-flus. L-Amerka trid tġħinu wkoll. Issa l-ġħaqal tar-Re jħoll u jorbot. Nistennew u naraw u nitolbu l-Bambin ġħalih.

GHISA ABU FARAĠ.

XEMX JEW XITA?

In-nies tal-Palestina, biex ikunu jafu hux ġej xemx jew xita ġħandhom *barômetru* naturali. Jaqbdu *sangisug* (huma jġħidulu *ġħeleq*, u jsibuh f'xi ġħejjun tal-ilma li joħroġ ġħal ġewwa l-ġħadajjar fil-widjien) u jqieġħduh ġewwa fixkun bl-ilma. Jekk is-*sangisug* jitla' fil-wiċċ, tkun ġejja x-xita; u jekk jinżel jitkebbeb fil-qiegħ, tkun ġejja x-xemx. Jekk ma jkollhomx *sangisug*, jaġħmlu ħaġ'oħra. Billi d-djar tal-Ġħarab aktarx ikollhom il-bajtar tax-xewk ħdejhom, u billi ġewwa l-bajtar ikun hemm xi brimba minn dawk il-kbar, fil-ġħaxija, iħarsu lejn dik il-brimba. Jekk jarawha tqassar il-ġħanqbuta, jiġifieri li ġejja x-xita ma' tul il-lejl inkella l-ġħada fil-ġħodu; jekk jarawha ttawwalha, bil-lejl jaġħmel ajru ċar u l-ġħada taġħmel ix-xemx.